Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA` KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 14 – It-Tnejn, 25 ta' Marzu, 2013**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-2.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Is-Sur Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Amanda Abela | Segretarju Eżekuttiv |

1. **Introduzzjoni mis-Sindku**

   Is-Sindku ta bidu għal-laqgħa.

2. **Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 13, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

3. **Intervisti fuq l-iskema għal-Impjieg Inklussiv fil-Komunita`**

   Is-Sindku qal lill-preżenti li l-ETC bagħtu lista ġdida ta` 3 persuni li kienu eleġibli taħt il-kriterji tal-Kunsill. Għalhekk, wara li s-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat mal-kunsilliera kollha individwalment bit-*telephone*, ġew skedati dawn l-intervisti qabel il-laqgħa tal-Kunsill, fejn il-Kunsill kollu kien preżenti.

   1. Jesmond Portelli – żagħżugħ ta' 24 sena min Nadur. Wera` kopja taċ-ċertifikati li għandu kif ukoll ittra ta' referenza mingħand is-Sinjura Maria Debono mill-Inspire Gozo. Għandu għarfien fil-qasam tax-xogħol fl-injam, fil-ġnien u fil-ħġieġ.
   2. Fabian Azzopardi – żagħżugħ ta' 23 sena mix-Xewkija. Għandu għarfien fil-qasam tax-xogħol fl-injam, u makkinarju kif ukoll fl-arti.

3. Paul Saliba – raġel ta' 52 sena mix-Xewkija. Għandu għarfien vast fix-xogħol tal-injam u fix-xogħol ta' ġonna u għelieqi. Is-Sur Saliba wera` l-ittri li jiċċertifikaw il-ħidma tiegħu mal-FXB Ltd kif ukoll li attenda t-Trade School fir-Rabat Għawdex fejn tgħallem jaħdem l-injam. Is-Sur Saliba spjega li kien weġġa` dahru u ma setgħax jahdem aktar dak iż-żmien. Huwa assigura lill-Kunsill li kapaci jagħmel kull tip ta' xogħol għaliex għandu s-sengħa.

Il-Kunsill iddeċieda li l-prijorita` tal-Kunsill huwa x-xogħol fil-ġonna u fil-fjuri li għandu fir-raħal, u għalhekk qabel unanimament li l-akbar esperjenza fix-xogħol manwali għandu is-Sur Paul Saliba. Is-Sur Fabian Azzopardi u s-Sur Jesmond Portelli m'għandhomx ħafna esperjenza manwali. Il-Kunsill qabel li jintgħażel Paul Saliba, fejn warajh ġie Jesmond Portelli u wara Fabian Azzopardi.

Fuq talba tas-Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsill qabel li s-Sur Saliba jibda l-ewwel ġurnata tax-xogħol tiegħu fl-ewwel ta' Mejju, sabiex ikollha ċans tiċċekja x'tip ta' kuntratti jsiru fuq din l-iskema, u jekk hux eliġibli minħabba d-diżabilita tiegħu.

## 4. Korrispondenza u Komunikazzjoni mis-Sindku

- Is-Sindku awgura lil Peter Caruana u lil Larry Buttiġieġ tar-rebħa li wettaq il-Partit tagħhom fl-elezjoni Generali. Is-Sindku ssuġġerixxa li tintbagħat ittra lill-Prim Ministru l-ġdid, lill-Ministru għal-Għawdex u s-Segretarju Parlamentari bir-responsabilita` tal-Kunsilli Lokali bħala awguri tas-suċċess li wettaq, kif ukoll għarfien li l-Kunsill lest li jaħdem f'kollaborazzjoni flimkien.
- 18 ta' Frar – laqgħa fuq il-post mal-enġiniera tal-Enemalta rigward il-bozza tat-Triq Wied Martin. Sar qbil li tinqala l-bozza eżistenzi fi Triq Kemmunett u teħel bozza fuq arblu bil vultaġġ doppju kantuniera ma' Triq Wied Martin.
- Bozza fit-Triq Cordina – Il-Kunsill qabel li Stephen Mercieca se jkellem lil Carmen Xuereb biex tinqala l-bozza min mar-residenza tagħha u teħel mal-arblu li talab il-Kunsill.
- Iffirmar tal-iskema tal-librerija - €850 se jigu mghotija mid-DLG, jekk il-Kunsill jonfoq €1,700 f'xiri ta' kotba
- Sar rapport lill-Pulizija rigward lanċa li qegħdha fit-Triq il-Gudja.
- Skema ta' Finanzjament għal-Inizjattivi speċjali 2013 – it-talba ma ġietx milqugħa mid-DLG. Is-Sindku issuġġerixxa li dan it-taraġ li jagħti mill-Pjazza tad-Dehra għal Triq Fuq l-Għajn isir mill-fondi tal-UIF. Il-Kunsill approva li ssir din l-applikazzjoni mal-MEPA.
- Skema ta' Inizjattivi Sportivi – id-DLG flimkien mal-KMS approvat l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali fuq talba ta' €1,100. Minn din is-somma tigi rrifundata 50%.

- Kont tal-perit Godwin Sultana rigward il-Pjazza Madonna ta' Loreto li jkopri xogħol li sar f'dan l-aħħar 7 snin, kif ukoll diversi bdil fil-pjanti. Il-Kunsill approva li jitħallas l-ammont ta' €6,791.04.
- Ittra mingħand is-Sur Victor Guzman rigward il-pjazza - il-Kunsill ħassu ddiżappuntat ħafna għas-Sur Guzman għaliex li qal fl-ittra m' assulutament kienx il-verita'. Peter Caruana qal kemm hu ddisjpjaċut li l-Isqof ta permess biex issir attivita' politika taħt it-tinda fuq il-Pjazza filwaqt li ma tax permess lill-Kunsill biex jsir Għajnsielem Fest. Is-Sindku qabel miegħu u qal ukoll kemm huwa urtat bil-fatt li l-avviż fuq il-gazzetta għal-din l-attivita` gie miktub ' Ser issir fuq iz-Zuntier Pjazza tal-Knisja Għajnsielem' u ma ssemmitx il-Pjazza Madonna ta' Loreto. Is-Segretarju Eżekuttiv għaddiet kopja tal-punti miġbura fil-qosor tal-korrispondenza li għaddiet bejn il-Kurja u l-Kunsill jew is-Sindku tul din l-aħħar sena. Il-Kunsill approva li din l-korrispondenza tkun kollha fuq il-website tal-Kunsill, bil-kopji tal-ittri li ntbagħtu u irċivejna.
- Talba għal reserved parking mis-Sur Anthony Grech fit-Triq Gleneagles – approvata.

**5. Stedina mill-Kunsill ta' Tolfa biex ikun hemm xi rappreżentanti mill-Kunsill Lokali Għajnsielem waqt il-finali tal-kompetizzjoni tal-*Olimpiadi della Cultura***

Il-kompetizzjoni u s-serata finali ta' din il-kompetizzjoni tal-*Olimpiadi della Cultura* se ssir nhar il-15 u 16 t'April fejn is-Sur Alessandro Battilocchio talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jattendu 2 rappreżentanti mill-Kunsill biex jippreżentaw il-premju kif ukoll biex issir preżentazzjoni fuq ir-raħal ta' Għajnsielem. Il-Kunsill approva li jattendu għal din l-attivita` s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**6. Talba biex il-Kunsill jospita` grupp ta' żagħżagħ min Tolfa tul il-ġimgħa tal-Festa**

Franco Ciangura nforma lill-preżenti li hemm programm *Youth in Action* li jista japplika għalih il-Kunsill biex ikun jista' jospita` dawn iż-żagħżagħ min Tolfa. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għandha appuntament ma' Alison mill-Meusac nhar l-4 t'April biex jibda jsir ix-xogħol fuq l-applikazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għandna bżonn grupp ta' żagħżagħ min Għajnsielem li jkunu jieħdu ħsieb dan il-programm, għaliex ma jistgħax jieħu ħsiebu l-Kunsill. Sar qbil li Franco Ciangura se jieħu ħsieb isib 3 żagħżagħ filwaqt li s-Sindku se jara x'tip t'akkomodazzjoni hawn disponibbli fir-raħal.

**7. Belvedere Hamri Street**

Il-perit Alex Bigeni attenda waqt il-laqgħa tal-Kunsill, fejn spjega l-ideja ta' kif qed jipproponi li jsir dan it-tisbieħ. Huwa għadda kopja tal-pjanti 3D lil kull kunsillier.

Il-Kunsill qabel u talab lill-perit biex jinqalgħu s-siġar tal-palm li hemm fuq il-belvedere u jitħawlu xi tip ta' *hedges* baxxi minflokhom.

Il-Kunsill talab ukoll li tiżdied xi tip ta' *water feature* fl-art, fejn tkun t'attrazzjoni u logħob għat-tfal. Franco Ciangura ssuġġerixxa ukoll li taħt il-gallariji, il-ħajt ikun forma ta' nofs ċirku l-ġewwa. Il-perit ser jara kif jista jdaħħal dawn il-kunċetti fil-pjanti.

Il-Kunsill qabel li l-Perit Biġeni jitħallas €1,500 issa u €1,500 wara li jitlesta x-xogħol kollu tal-Belvedere.

## 8. Tenders fuq xogħol ta' asphalt fit-Toroq f'Għajnsielem

Il-Kunsill approva li jitqabbad il-perit Scerri biex jipprepara d-dokumenti tat-tenders u l-istima għal-*resurfacing* ta' parti min Triq Hamri u Triq Għajnsielem.

## 9. Tenders fuq il-proġett tal-Pjazza tad-Dehra

Il-Kunsill għadu ma rċieva l-ebda risposta mill-Gozo Action Group rigward l-applikazzjoni għal dan it-tisbieħ, pero l-Kunsilliera qablu li jitqabbad il-perit Godwin Sultana biex jipprepara d-dokumenti tat-tenders għal-dan it-tisbieħ sabiex dawn ikunu bil-lest. Is-Sindku qal ukoll li ħareġ il-permess b'DNO mill-MEPA għal dan il-proġett.

## 10. Għajn tal-Hasselin: x'sar u x'għad irid isir

Is-Sindku spjega li l-Engineer Renzo Curmi qed jaħdem fuq is-sistema tad-dawl għal din l-Għajn, u qed jieħdu ħsieb li jipprepara t-tenders u l-istima ta' dan ix-xogħol. Il-perit Scerri qed iħejji t-tenders fuq ir-*railing* u t-taraġ tal-ħadid li hemm bżonn li jsiru f'din l-Għajn. Kif ikunu lesti l-Kunsill jista' joħroġ it-tenders. Il-Kunsill approva dan.

## 11. *Lease agreement* tal-Għassa tal-Pulizija

Is-Sindku qal li l-kunsill irċieva l-kuntratt tal-għassa mħejji s-Supretendent t'Għawdex Simon Galea, biex jiġi ffirmat dan il-ftehim tal-kera'. Is-SE spjegat li x'ħin qrat dan il-ftehim ma ratux ġust fuq il-Kunsill, peress li l-kundizzjonijiet miktuba kienu kollha favur il-Pulizija u kontra l-Kunsill. Għalhekk, hija għaddiet dan il-Kuntratt flimkien ma xi informazzjoni oħra lill-avukat, fejn huwa emenda fejn kien hemm bżonn. Is-SE għaddiet kopja ta' dan il-kuntratt emendat għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill approva dan il-Kuntratt kif ġie emendat u ddeċieda wkoll li jżomm kera' ta' €100 fis-sena.

## 12. Stima ta' xkaffar tal-Librerija mingħand l-FXB Ltd.

Il-Kunsill m'approvax l-istima ta' €4,001.38.

## 13. Bajja tax-Xatt l-Aħmar

Larry Buttigieg ġibed l-attenzjoni li hemm ħafna blat qed jaqta` min mas-sies u għalhekk niġbdu l-attenzjoni lill-Ministeru għal-Ghawdex sabiex ineħħi kull periklu.

## 14. Rendikont tal-Proġetti mill-Perit Godwin Sultana

Il-perit Sultana attenda waqt din il-laqgħa tal-Kunsill biex jagħti rendikont tal-proġetti pendenti li għandu l-Kunsill Lokali Għajnsielem. Dawn huma:

- Tisbiħ tal-Pjazza tad-Dehra u tisbiħ tat-taraġ li jagħti għal Triq fuq l-Għajn. – Il-Kunsill informa lill-perit li kien għadu kif iddeċieda li għal dan it-tisbieħ tat-taraġ issir applikazzjoni għal-fondi tal-UIF.
- Tisbiħ tat-taraġ fil-Pjazzetta 10 ta' Diċembru għal-Triq Chambray u tisbiħ tal-kantuniera fit-Triq Chambray, eżatt ħdejn l-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali.
- Żvilupp tax-Xatt l-Aħmar – spjega li għadha kif saret l-applikazzjoni mal-MEPA, fejn fuq parir tal-MEPA, dan l-iżvilupp inqasam fuq tlitt fażi, u saret applikazzjoni separata fuq kull parti.

## 15. Customer care:

- Mera fit-Triq Dun Franġisk Cauchi kantuniera ma' Triq 26 ta' Jannar – il-Kunsill approva li titwaħħal mera miż-żgħar.
- Ammont ta' boroż tal-iskart fit-toroq. Il-Kunsill approva li tintbagħat ittra f'kull dar f'Għajnsielem fejn niġbdu l-attenzjoni li ser ikun hemm il-Green Wardens u sorveljenza mil-Kunsill u kull min jinqabad jeħel multa.
- Talba għal *single yellow lines* fit-Triq Għajnsielem – il-Kunsill qabbad lis-Segretarju Eżekuttiv biex iżżur il-post u tieħu ritratt tal-madwar.
- Talba għal bozza fis-sqaq fit-Triq Ħamri – Il-Kunsill iddiskuta jekk dan l-isqaq hux privat jew le u ddeċieda li jekk hu publiku issir. L-applikant għandu jġib evidenza li dan l-isqaq hu publiku.

## 16. Materji Oħra

Franco Ciangura

- Gandott fil-Pjazza Madonna tal-Loreto, quddiem il-ħanut tal-laham li għandu biċċa cement imkissra – titranġa.
- Bankina miksura fit-Triq iż-Żewwieqa tar-residenza ta' Pawlu Attard – titranġa
- Bozza fit-taraġ tal-Grand Hotel maħruqa
- Roll up – il-Kunsill qabel li jsir desinn ieħor mingħajr l-istampa tan-nofs.

- Problema tal-ilma quddiem Mawru Attard fit-Triq Fawwara – il-Kunsill qabel li jekk isir xi xogħol fit-triq Pjazza Madonna ta' Loreto naħsbu għal-gandott li jkun jista jiġbor l-ilma biex b'hekk din il-problema tkun tista tissolva.
- Traffic Management fi Pjazza Indipendenza – is-SE irrispondiet illi s-sinjali għandhom isiru fil-jiem li ġejjin.

Stephen Mercieca

- *Speed camera* fit-Triq Mġarr – il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra lill-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura, l-Onor Joe Mizzi.

Peter Caruna

- *Playground* Amabile Cauchi – vandaliżmu fil-*merry go round* – is-Segretarju Eżekuttiv għandha tiċċekja kif tista' titranġa.
- Tintbagħat ittra lill-Ministru l-ġdid tat-Transport l-Onor Joe Mizzi biex issir laqgħa mal-Kunsill dwar is-servizz tal-Arriva f'Għajnsielem.
- Staqsa għaliex waqaf ix-xogħol ta' tindif fil-Wied ta' Simirat – is-sindku rrisponda li kien hemm ħafna ċaflis u l-kuntrattur ma setgħax ikompli.

Larry Buttigieg

- *Camping* fil-bajja tax-Xatt l-Aħmar – il-Kunsill qabel li jintwaħlu 4 tabelli fejn juru li ma tistgħax tikkampja.
- Fontana fil-Pjazzetta 10 ta' Diċembru – il-kuntrattur għadu jrid jagħmel ix-xogħol necessarju nkluż trinka fl-art.
- Żvilupp totali fil-*playingfield Fr. Hersey* – is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-apparat huwa għoli ħafna u tibża li bil-proġetti li għandu f'moħħu l-Kunsill għal din is-sena, mhux se jkun hawn fondi bizzejjed biex il-*playing field* tiġi modernizzati.
- *Railing* mal-bankina fit-Triq Sant Eliju –il-Kunsill approva li jsir dan.

Francis Cauchi

- Talba ghal-bozza fit-Triq il-Brieghen fuq arblu eżistenti – approvata

**Laqgħa mal-kumitat tal-Football**

Il-kumitat tal-Football attenda fit-tmiem tal-laqgħa fejn saret diskussjoni sabiex tiġi ffinalizzata l-qasma ta' bejn l-estenzjoni tal-*ground* u l-proġett ta' Passi. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm ukoll il-perit Godwin Sultana fejn dan spjega fuq pjanti l-ħsieb tal-kumitat tal-Football kif għandu jkun proġettat il-ground. *Ġie* deċiż li għandha ssir laqgħa mas-CEO tal-MEPA biex dan ikun jista` jagħti parir jekk it-tkabbir tal-*ground* skond kif proponat mil-Kumitat tal-Football jiġix aċċettat jew le. Il-Kunsill qabel ukoll li

jiġi ffinalizzat l-ammont ta' metri li għandu bżonn il-Kumitat tal-Football biex il-*ground* ikun jista jitkabbar.

**Tmiem il-Laqgħa**

Wara li kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 22 t'April fis-6.00 pm, is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa fit-10.00pm.

Francis Cauchi

Sindku

Amanda Abela

Segretarju Eżekuttiv